MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-14 ta' Lulju, 2017

Rikors Maħluf Numru 783/15LM

**Mapfre Middlesea p.l.c. (C5553) kif surrogata fid-dritt tal-assigurat tagħha Eman Farrugia (K.I. 0181086M) u Laferla Insurance Agency Ltd (C14529) bħala aġenti tal-istess Mapfre Middlesea Insurance p.l.c.**

***vs.***

**Clint-Chris Mifsud (K.I. 0272182M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ippreżentat fit-13 ta' Awwissu, 2015 mis-soċjetajiet attriċi **Mapfre Middlesea p.l.c.** (C5553) kif surrogata fid-dritt tal-assigurat tagħha Eman Farrugia (K.I. 0181086M) u **Laferla Insurance Agency Ltd** (C14529) bħala aġenti tal-istess Mapfre Middlesea Insurance p.l.c. (minn issa 'l quddiem "is-soċjetajiet attriċi"), u maħluf minn Mark Laferla, li jgħid kif ġej:

1. *Illi is-soċjetà attriċi Mapfre Middlesea plc kienet permezz tal-aġenzija tas-soċjetà l-oħra attriċi Laferla Insurance Agency Limited ħarġet il-polza numru P21033423-12, illi biha kopriet il-vettura tat-tip BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni EMN 411 proprjetà tal-assikurat tagħha Eman Azzopardi, taħt polza 'comprehensive' liema polza kienet fis-seħħ meta seħħet il-kolliżjoni meritu ta' din il-kawża.*

2. *Illi fid-19 ta' Settembru, 2013 għal ħabta tal-għaxra neqsin kwart ta' filgħaxija (9.45pm) seħħ inċident stradali fit-Triq tal-Barrani, iż-Żejtun bejn il-vettura, tat-tip BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni EMN 411 misjuqa mill-attur Eman Farrugia u l-vettura tat-tip Ford Escort bin-numru ta' reġistrazzjoni DAM 149 misjuqa mill-konvenut (kopja tar-rapport tal-inċident anness u mmarkat Dokument MM 1[1]).*

3. *Illi dan l-inċident seħħ unikament minħabba t-tort u traskuraġni tal-konvenut u bil-mod hawn imfisser.*

4. *Illi skont ma ġie riferit lis-soċjetà attriċi mill-imsemmi assikurat tagħha Farrugia, l-attur kien wieqaf fuq it-traffic lights ta' Triq il-Ħamsa u Għoxrin ta' Novembru jistenna sabiex imur direzzjoni lejn il-Belt Valletta. Hekk kif it-traffic lights qalbu ħodor l-attur beda jsuq lejn id-direzzjoni tiegħu meta f'daqqa waħda ra l-vettura misjuqa mill-konvenut, li dak il-ħin kienet ġejja mid-direzzjoni minn Ħal Tarxien lejn Birżebbuġa, issuq fid-direzzjoni tiegħu b'veloċità eċċessiva. B'konsegwenza tal-impatt qawwi l-vettura tal-attur daret tond filwaqt illi dik tal-kovenut baqgħet għaddejja u spiċċat distanza twila 'l bogħod mill-post tal-impatt.*

5. *Illi b'konsegwenza tal-ħasrat estensivi illi ġarbet fl-imsemmi inċident, l-imsemmija vettura EMN 411 ma setgħetx tissewwa.*

6. *Illi, in vista tal-polza ta' assikurazzjoni fuq imsemmija, is-soċjetà attriċi għamlet tajjeb għal porzjoni sostanzjali tad-danni sofferti mill-imsemmi assikurat tagħha Farrugia skont l-istess polza u in konsegwenza ta' tali pagament ġiet issurrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha skont l-istess polza ta' assikurazzjoni u skont il-liġi.*

7. *Illi s-somma hekk sborżjata mill-imsemmija soċjetà attriċi Laferla Insurance Agency Limited fil-kwalità premessa, kienet tammonta għal ħmistax-il elf, erba'*

[1] *A fol.* 6 sa 15 tal-proċess.

*mija u disgħin euro (€15,490) kif dettaljat aħjar fl-annessa skeda Dokument MM 2.*[2]

8. *Illi minkejja li l-konvenut ġie interpellat sabiex jersaq għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni kollha kaġunati lill-attur f'dan l-inċident stradali, huwa baqa' inadempjenti, u għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

*Għaldaqstant, l-atturi jitolbu bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha:–*

1) *Tiddikjara lill-istess konvenut unikament responsabbli għall-inċident stradali fuq imsemmi illi kif ingħid, seħħ fid-19 ta' Settembru 2013 għal ħabta tal-għaxra neqsin kwart ta' filgħaxija (9.45pm) fit-Triq tal-Barrani, iż-Żejtun bejn il-vettura, tat-tip BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni EMN 411 misjuq mill-attur Eman Farrugia u l-vettura tat-tip Ford Escort bin-numru ta' reġistrazzjoni DAM 149 misjuqa mill-konvenut, u għad-danni kollha illi sofra l-istess attur bħala konsegwenza tal-istess inċident;*

2) *Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi bħala konsegwenza ta' dan l-inċident stradali fis-somma ta' ħmistax-il elf, erba mija u disgħin euro (€15,490), jew somma verjuri, okkorrendo bl-opera ta' Periti u esperti nominandi.*

3) *Tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lill-atturi in linea ta' danni s-somma ta' ħmistax il-elf, erba mija u disgħin ewro (€15,490) jew somma verjuri illi tiġi hekk likwidati minn dina l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjeż kompriżi dawk tal-ittra ġudizzjarja ppreżentata kontestwalment skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-imgħax legali skont il-liġi kontra l-konvenut li huwa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenut **Clint-Chris Mifsud** (minn issa 'l quddiem "il-konvenut") li ġiet ippreżentata fl-10 ta' Settembru, 2015, li biha eċċepixxa:

1. *Illi r-responsabilità għall-inċident stradali li seħħ fid-dsatax (19) ta' Settembru tas-sena elfejn u tlettax (2013) hija respinta u kkontestata.*
2. *Illi l-inċident ma seħħx bi ħtija tal-konvenut Clint-Chris Mifsud.*
3. *Illi għalhekk it-talbiet attriċi għandhom jiġu respinti bl-ispejjeż.*
4. *Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.*

---

[2] *A fol.* 16 tal-proċess.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Semgħet ix-xhieda prodotti mill-partijiet.

Rat il-verbal tal-udjenza tat-12 ta' Ġunju, 2017, fejn l-avukati tal-partijiet irrimettew ruħhom għall-provi in atti u l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.

**<u>Il-kwistjoni bejn il-partijiet</u>**

Il-kwistjoni f'din il-kawża hi dwar ħabta illi seħħet fid-19 ta' Settembru, 2013 għal ħabta tal-għaxra neqsin kwart ta' filgħaxija (9.45pm) fit-Triq tal-Barrani, iż-Żejtun bejn żewġ vetturi f'inkroċju regolat bi *traffic lights*, fejn iż-żewġ sewwieqa, li kienu waħedhom fil-vettura rispettiva tagħhom, it-tnejn li huma qegħdin jikkontendu li qasmu meta id-dawl tat-*traffic lights* fuq in-naħa tagħhom tat-triq kien qed jixgħel aħdar. Il-kawża ġiet istitwita mis-soċjetà tal-assigurazzjoni ta' Eman Farrugia sewwieq tal-vettura BMW bin-numru ta' reġistrazzjoni EMN 411, li kien assigurat *comprehensively*, kontra l-konvenut Clint-Chris Mifsud is-sewwieq tal-vettura tat-tip Ford Escort bin-numru ta'

reġistrazzjoni DAM 149. Is-soċjetajiet attriċi jikkontendu li l-konvenut kien unikament responsabbli għall-inċident stradali inkwistjoni u li dan għandu jinżamm responsabbli għall-ħlas tad-danni filwaqt li l-konvenut Clint-Chris Mifsud isostni li l-inċident ma seħħx bi ħtija tiegħu.

**Provi u riżultanzi**

L-assigurat tas-soċjetajiet attriċi, **Eman Farrugia**, xehed[3] li dakinhar tal-inċident, madwar l-għaxra ta' filgħaxija, kien fi triq Vjal il-25 ta' Novembru ġej miż-Żejtun u kif wasal fit-*traffic lights* bejn l-inkroċju ta' din it-triq u t-Triq tal-Barrani, waqaf sakemm it-traffic lights fuq in-naħa tiegħu tat-triq xegħlu aħdar. Hu kellu jaqsam it-Triq tal-Barrani u jdur fuq il-lemin tiegħu għall-Belt. Qabel ma qasam, ra li ma kienu ġejjin ebda vetturi min-naħa tal-lemin tiegħu u beda jaqsam bi *speed* baxx. Iżda appena ħareġ, ra dawl u l-vettura tal-konvenut ġejja bi *speed* qawwi mid-direzzjoni ta' Santa Lucija għad-direżżjoni ta' Birżebbuġa. Qal li l-konvenut tant kien għaddej bi *speed* qawwi, li hu ma kellux opportunità jirreaġixxi u l-konvenut laqtu b'saħħa kbira tant li dawru nofs tond u ġabu jħares lura lejn it-*traffic lights* li kien għadu kif qasam.[4] Ix-xhud jgħid li ma semax il-*brakes* tal-vettura tal-konvenut. Mir-ritratti esebiti[5] mix-xhud mal-affidavit tiegħu, jidher li l-vettura tal-konvenut baqgħet sejra distanza twila fid-direzzjoni li kienet sejra inizjalment u mill-iskizz tal-Pulizija jirriżulta li kienet baqgħet mixja mal-40.5 metri u ma jirriżultax li l-Pulizija ikkonstataw xi *brake marks.*

---

[3] Affidavit *a fol.* 33.
[4] Kif muri fl-iskizz tal-Pulizija *a fol.* 14 u 83.
[5] *A fol.*36 sa 40 minn fejn jidher li kien diġà dalam sew.

Xehed ukoll **PS 386 is-Surġent Joseph Cauchi**[6], li esebixxa kopja tar-rapport tal-inċident.[7] Hu spjega kif effettivament sab il-vetturi madwar 40.5 metri 'l bogħod minn xulxin. Ix-xhud jgħid li ma osservax li kien hemm *brake marks,* però jgħid li kien id-dlam u ma jeskludix li seta' kien hemm u ma rahomx. Skont l-istess rapport tal-Pulizija, l-inċident seħħ għall-għaxra neqsin kwart jew l-għaxra ta' filgħaxija. Fir-rapport hemm ukoll li Eman Farrugia eżatt wara l-inċident kien stqarr mal-Pulizija:

> "Kont ħiereġ miż-Żejtun, kif qalbu l-*lights* ħodor. Jien qlajt sabiex immur lejn il-Belt Valletta, meta f'daqqa waħda rajt vettura DAM 149 ġejja u baqgħet dieħla ġo fija. Bil-konsegwenza tal-impatt il-vettura tiegħi dahret 360 *degrees.*"

Skont ir-rapport tal-Pulizija, il-konvenut stqarr:

> "Kont qiegħed insuq direzzjoni lejn Birżebbuġa meta f'daqqa waħda ħarġet vettura EMN 411 tat-tip BMW minn fuq il-*lights* bil-konsegwenza li ħabtet fija."

**Lawrence Bugeja**, *client relationship officer* ta' Mater Dei esebixxa kopja tar-records mediċi tal-konvenut miżmuma fl-isptar Mater Dei.[8]

Wara l-inċident il-konvenut kien ittieħed l-isptar u skont ix-xhieda tat-**Tabib Josephine Psaila**[9] jirriżulta mid-dokument esebit *a fol.* 69 tal-proċess li l-konvenut kellu *alcohol intake* ferm ogħla minn dak rakkomandat għal waqt

[6] *A fol.* 71 sa 75.
[7] *A fol.* 76 sa 83.
[8] *A fol.* 53 sa 70.
[9] *A fol.* 120 sa 123.

sewqan, għax filwaqt li bħala livell ta' *ethanol* fid-demm hu rakkomandat massimu ta' 10mg/dl, jirriżulta li l-konvenut kellu livell ta' 226mg/dl. Dr Psaila qalet li għad li kull persuna tittollera konsum ta' *alcohol* differenti, il-konvenut kellu *alcohol level* fid-demm ċertament eċċessiv. Dan ġie kkonfermat ukoll mit-**Tabib Frank Bartolo**, li kien ġie inkarigat mis-soċjetà attriċi biex jagħmel riċerka l-isptar fir-*records* mediċi tal-konvenut relatati mal-inċident, wara li ħa l-kunsens tal-konvenut, minn fejn irriżulta li meta l-konvenut iddaħħal l-isptar wara l-inċident, kellu preżenza sinifikanti ta' *ethanol*, ċjoè *alcohol,* fid-demm tiegħu u ċjoè ta' 226mg/dl meta suppost ikun ta' 10mg/dl.[10]

Is-soċjetajiet attriċi esebew ukoll vera kopji ta' bosta sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali[11] fejn il-konvenut Clint-Chris Mifsud kien instab ħati diversi drabi, u fejn anki kien ammetta bosta drabi, bejn l-2008 u l-2014, akkużi ta' sewqan perikoluż taħt l-influwenza tal-*alcohol.* F'Diċembru tal-2010 l-konvenut tpoġġa wkoll taħt Ordni ta' Superviżjoni għal tliet snin b'dan li kellu jingħata għajnuna sabiex tiġi indirizzata l-problema li kellu dwar abbuż ta' *alcohol.*[12] L-aħħar darba li jirriżulta li l-konvenut Clint-Chris Mifsud kien instab ħati ta' sewqan taħt l-effett tax-xorb, wara ammissjoni tiegħu stess, kien bis-sentenza datata 9 ta' Jannar, 2014 għal inċident li kien seħħ fid-9 ta' Diċembru, 2012.

Xehed ukoll **Lee Bullock**[13], rappreżentant ta' Transport Malta, li ppreżenta l-*group timings* tat-*traffic lights* fl-inkroċju bejn Vjal il-25 ta' Novembru u Triq tal-Barrani u kif dawn jaħdmu. Dawn ma tantx kienu ta' għajnuna għall-Qorti

[10] Ara l-affidavit tiegħu *a fol.* 41 u *e-mail* tiegħu lil Claire Culic, rappreżentanta tas-soċjetà attriċi *a fol.* 43.
[11] **Il-Pulizija *vs.* Clint Christ** (sic) **Mifsud** datati 09.01.2014, 09.07.2008, 07.12.2010, 01.12.2010 u 28.11.2011 *a fol.* 89 sa 103 tal-proċess.
[12] *A fol.* 100 *retro.*
[13] *A fol.* 104 u 105.

ladarba ma kienx stabbilit il-ħin tal-inċident bil-minuta. Iżda rriżulta mix-xhud li t-*traffic lights* inkwistjoni kienu qegħdin jaħdmu sew fil-ħin tal-inċident.

Min-naħa tiegħu l-konvenut **Clint-Chris Mifsud**[14] xehed li dakinhar tal-inċident kien qed isuq Ford Escort, però ma jiftakarx in-numru tar-reġistrazzjoni tagħha u qal li kien sejjer għall-affari tiegħu Birżebbuġa. Il-konvenut qal li *lights* kienu ħodor u mbgħad jgħid ma jafx x'ġara. Mifsud jgħid li kien mar iġib il-karozza mingħand l-*electrician* u li l-inċident seħħ f'xis-sitta jew il-ħamsa u nofs ta' wara nofsinhar u ma jiftakarx jekk kienx id-dlam fil-ħin tal-inċident.

In kontroeżami[15] l-konvenut Clint-Chris Mifsud jgħid li hu ma rax lis-sewwieq l-ieħor u insista li dak il-ħin tal-inċident il-*lights* fuq in-naħa tiegħu kienu ħodor. Il-konvenut insista wkoll li qabel l-inċident kien mar jiġbor il-vettura mingħand l-*electrician* u l-inċident seħħ ferm qabel l-għaxra neqsin kwart ta' filgħaxija. Mistoqsi mill-avukat tas-soċjetajiet attriċi jekk qabel l-inċident kienx qed jikkonsma l-*alcohol* x'imkien, qal li ma tantx jixrob u għall-osservazzjoni tal-Qorti li d-domanda tal-avukat tas-soċjetajiet attriċi ma kinitx jekk jixrobx ħafna jew le, imma jekk dakinhar kienx xorob jew le, il-konvenut wieġeb li kien ħa birra wieħed biss.

**Mark Laferla**[16], *assistant manager* tas-soċjetà attriċi Laferla Insurance Agency Limited spjega li din is-soċjetà topera bħala aġent ta' Mapfre Middlesea p.l.c. u kienet assigurat il-vettura ta' Eman Azzopardi bin-numru ta' reġistrazzjoni

---

[14] *A fol.* 126 u 127.
[15] *A fol.* 130 sa 133.
[16] *A fol.* 24.

EMN 411 taħt polza *comprehensive.*[17] Din il-vettura kienet koperta b'din l-polza ta' assigurazzjoni meta seħħ l-inċident mertu ta' din il-kawża u s-soċjetà attriċi Laferla Insurance Agency Limited ħallset lill-assigurat tagħha s-somma ta' €15,490.[18] Ix-xhud spjega li minħabba l-ħsarat estensivi fil-karozza tal-assigurat, din kienet ikkunsidrata bħala *total loss.*

**Claire Kulic**[19], *claims executive* tas-soċjetà attriċi Laferla Insurance Agency Limited ippreżentat id-*discharge form* tal-assigurat tagħhom wara li ħallsuh is-somma ta' €17,500[20], li biha ġew issurrogati fid-drittijiet tiegħu. Ix-xhud ippreżentat ukoll *pre-accident survey* li kien sar meta l-vettura ġiet inxurjata magħhom[21] bi stima ta' €18,500 u *survey* li sar wara l-inċident[22] mill-assessur Anthony Vassallo, minn fejn jirriżulta li t-tiswija kienet tiġi tiswa madwar €18,556.44 u għalhekk kien ikkonkluda li kienet *"beyond economical repair"* u ssuġġerixxa *cash settlement* ta' €17,500 *"with a wreck value of* €2,000."

Fil-fatt jirriżulta mix-xhieda ta' **Glenn Montebello**[23], rappreżentant ta' Montebello Enterprises Limited li din biegħet il-vettura BMW lil Eman Farrugia, u li l-vettura kienet tal-2005[24] u nbiegħet lil Eman Farrugia fit-23 ta' Novembru, 2010 għall-prezz ta' €19,800.[25]

---

[17] Polza nru P21033423-12.
[18] Skont prospett *a fol.* 16 anness mar-Rikors Maħluf, fejn jirriżulta li sar *cash settlement* ta' €17,500, però ġiet irkuprata is-somma ta' €2,000 meta l-vettura nbiegħet bħala *wreck* u kien hemm ukoll is-somma ta' €60 li kellu jħallas l-assigurat bħala *policy excess.* Ġiet miżjuda wkoll is-somma ta' €50 bħala spejjeż mediċi tal-assigurat.
[19] *A fol.* 109 u 110.
[20] *A fol.* 111.
[21] *A fol.* 114 u 115.
[22] *A fol.* 112 u 113.
[23] *A fol.* 47 sa 49.
[24] Ara *log book a fol.* 34, minn fejn jirriżulta li l-vettura kienet tal-2005, iżda l-ewwel reġistrazzjoni tagħha f'Malta kienet f'Diċembru, 2010.
[25] Kif ikkonfermat minn Montebello Enterprises Limited, *a fol.* 50.

**<u>Kunsiderazzjonijiet legali</u>**

Dan hu każ tipiku fejn Qorti tiġi rinfaċċjata b'żewġ verżjonijiet dijametrikament opposti għal xulxin, fejn skont il-verżjoni tal-assigurat tas-soċjetajiet attriċi huwa ħareġ fl-inkroċju bejn Vjal il-25 ta' Novembru u t-Triq tal-Barrani, hekk kif it-*traffic lights* xegħlu ħodor, filwaqt li skont il-verżjoni tal-konvenut dan baqa' għaddej għal triqtu fi Triq tal-Barrani għax id-dawl fuq in-naħa tiegħu tat-triq kien qed jixgħel aħdar.

Fl-istadju tal-provi ġie kkonstatat li dawn it-*traffic lights* kienu qed jaħdmu sew. Ma kien hemm ħadd fil-karozza mas-sewwieqa involuti fl-inċident u ma tressqu ebda xhieda okulari li setgħu raw l-inċident. Għalhekk biex tasal għall-fatti, il-Qorti trid bilfors tirrikorri għal indizji oħra, bħall-konsistenza tax-xhieda, verisomiljanza għar-realtà, indizzji korroborattivi u anki preponderanza tal-probabbiltajiet u possibbilitajiet li jistgħu jnisslu ċertezza morali fil-ġudikant.

Meta jkun hemm kuntrast bejn ix-xhieda tal-partijiet, il-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-ġudikant assolutament jemminx dak li jkun ġie spjegat lilu, iżda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fiċ-ċirkostanzi svarjati tal-ħajja.[26] Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp ċivili huwa dak li

[26] **Borg *vs*. Bartolo,** App. Inf. 25.06.1980.

biżżejjed li jkun inissel ċertezza morali f'moħħ il-ġudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanċ ta' probabbilitajiet.[27]

Mhux l-ewwel darba li Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet opposti għal xulxin. Anzi, meta każ ikun kontestat fuq il-provi u mhux fuq l-interpretazzjoni tal-liġi, x'aktarx li huwa proprju dan li jiġri, ċjoè li jkun hemm verżjonijiet konfliġġenti.

Kif ingħad mill-kompjant Onor. Imħallef Maurice Caruana Curran:

> "Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u jkollha taqa' fuq ir-regola tal-*in dubio pro reo*. Il-konflitt fil-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjonijiet tiegħu u għall-passjoni, huma ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha. Meta l-każ ikun hekk, il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappatoja tad-dubbju, imma għandha teżamina bl-akbar reqqa jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji tal-kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u verosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq il-bilanċ tal-probabbilità u tal-preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawża ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant ... Anzi, f'każijiet bħal dawn, aktar ma jkun il-konflitt bejn verżjoni u oħra, aktar tidher il-possibbilità ta' qerq da parti ta' xi wieħed mill-kontendenti."[28]

Bl-istess mod, il-Qorti tal-Appell fit-2 ta' Gunju, 2003, fil-kawża fl-ismijiet **Middle Sea Insurance p.l.c. *noe vs*. Victor Sammut** irreteniet illi:

> "F'każ ta' konflittwalità l-Qorti trid tadopera aktar attenzjoni biex proprju taċċerta ruħha jekk xi waħda miż-żewġ verżjonijiet possibbli għandhiex teskludi lill-oħra, anke fuq l-bilanċ tal-probabilitajiet, tal-preponderanza u tal-verosimiljanza tal-provi." Għalhekk fil-konflitt ta'

[27] *Vide* wkoll **Caruana *vs.* Laurenti,** P.A., 08.04.1994, **Borg *vs. Manager* tal-Intrapriża tal-Ħalib,** P.A., 17.07.1981, **Vassallo *vs.* Pace (**Vol.LXX.II.144) u **Zammit *vs.* Petrococchino,** App. Kumm., 25.02.1952.

[28] **Carmelo Farrugia *vs.* Rokku Farrugia**, P.A., 24.11.1966.

verżjonijiet li jesisti f'din il-kawża għandu jiġi eżaminat liema waħda mit-teżijiet konfliġġenti hi l-aktar attendibbli. Għandu jiġi eżaminat jekk xi waħda mill-verżjonijiet hi sostnuta mill-provi prodotti. Jekk jeżistu tali provi konsegwentement ikun hemm sostenn qawwi u definittiv lil xi waħda mill-verżjonijiet li allura jista' jingħad li hi korroborata. Għandu jiġi eżaminat ukoll jekk jeżistix xi fatt li jwassal għall-konklużjoni liema verżjoni tirrispekkja r-realtà tal-fatti, u kwindi għandha tiġi aċċettata bħala dik veritiera u attendibbli.[29]"

Illi fil-fatt fis-sentenza **Brigitte Vella** ***pro et noe vs.*** **Richard Vella**[30] ġie ritenut li:

"Mhux kwalunkwe tip ta' konflitt għandu jħalli lill-Qorti f'dak l-istat ta' perplessità li minħabba fih ma tkunx tista' tiddeċiedi b'kuxjenza kwieta u ikollha taqa' fuq ir-regola "*in dubio pro reo*". Il-konflitt tal-provi, sakemm il-bniedem jibqa' soġġett għall-iżbalji tal-perċezzjoni tiegħu u għall-passjoni, huwa ħaġa li l-Qrati jridu jkunu dejjem lesti għaliha, imma meta dan il-kunflitt ma jkunx ġej minn sempliċi differenza ta' opinjoni fuq affarijiet li jippermettu ċertu grad ta' tolleranza u li għalihom sewwa ingħad "*tot homines tot sentetiae*", u lanqas ma jkun ġej minn versjonijiet differenti "*bona fide*" fuq inċidenti li jiġru u jintemmu malajr u għallarrieda eż. identità, veloċità ta' veikoli, u ċirkostanzi oħra subitanei li fuqhom skont l-esperjenza komuni, is-sensi jistgħu jitqarqu, imma għall-kuntrarju dan il-konflitt ikun jirrigwarda fatti u abitudinijiet li jkunu setgħu ġew osservati f'perjodu twil ta' snin bħal f'dan il-każ, allura isir ċar li wieħed mill-kontendenti jkun ħalla l-interess u l-passjoni tiegħu jegħlbuh u b'hekk jabbuża mill-proċess ġustizzja. Meta l-każ ikun hekk il-Qorti m'għandhiex taqa' ċomb fuq l-iskappotoja tad-dubju, imma għandha teżamina bl-ikbar reqqa jekk xi waħda mill-verżjonijiet, fid-dawl tas-soliti kriterji ta' kredibilità u speċjalment dawk tal-konsistenza u versosimiljanza, għandhiex teskludi lill-oħra, anke jekk fuq bilanċ tal-probabilità u preponderanza tal-provi, għax dawn, f'kawżi ċivili, huma ġeneralment suffiċjenti għall-konvinċiment tal-ġudikant".

[29] Ara wkoll **Dr Elizabeth Vella M.D.** ***vs.*** **Bieb Bieb Limited** ***et.***, P.A., 09.12.2011.
[30] Q.A., 05.10.2001.

Din il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għas-sentenza fl-ismijiet **Joseph Tonna *vs.* Philip Azzopardi**[31] fejn ingħad illi:

"In materja ta' provi, r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament ġuridiku tagħna jidhru li huma dawn:

a) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piż tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ġġib il-prova tal-eżistenza tiegħu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bażi tad-dritt azzjonat minnu *(actori incumbit probatio),* sija fuq il-konvenut għas-sostenn tal-fatt miġjub minnu biex jikkontrasta l-pretiża tal-attur *(reus in excipiendo fit actor)* – Ara **Vol. XLVI, P.i, p.5**.

b) Fil-kors tal-kawża dan il-piż jista' joxxilla minn parti għall-oħra, għax, kif jingħad, 'jista jkun ġie stabbilit fatt li juri *prima facie* li t-teżi tal-attur hija sostenuta – Ara **Vol. XXXVII, P.i, p.577**;

ċ) Il-ġudikant adit mill-meritu tal-każ hu tenut jiddeċiedi *iuxta allegata et probata*, u dan jimporta illi d-deċiżjoni tiegħu tiġi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jiġifieri, minn dawk iċ-ċirkustanzi tal-fatti dedotti għab-bażi tad-domanda jew tal-eċċezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piż tal-provi ssir bażi tar-regola legali tal-ġudizzju in kwantu timponi fuq il-ġudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru għax mhux ippruvat;

d) Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-prinċipju tal-konvinċiment liberu tal-ġudikant. Lilu hu mogħti l-poter diskrezzjonali tal-apprezzament tar-riżultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaża l-konvinċiment tiegħu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji għall-formazzjoni tal-konvinċiment tiegħu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tiegħu hi soġġetta għal dak il-limitu legali impost fuqu mill-artikolu 218 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili li jrid li fis-sentenza tingħata motivazzjoni raġonata li

[31] App. Inf., 12.04.2007.

> tikkonsenti l-kontroll tal-ħsieb loġiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-loġika u r-razzjonalità, kif ukoll koerenti mal-elementi utilizzati allura skont ġurisprudenza konkordi, ma tiġix disturbata minn Qorti ta' reviżjoni – Ara b'eżempju **Ramchand Kilumal** ***noe vs.*** **Jessie Blanco** – App. 30 ta' Ġunju, 1912, Kollez. Vol. XXIV. P.i, p.104."

Illi fil-kawża fl-ismijiet **Lawrence u Anthony Fino** ***pro et noe vs.*** **Joseph u Charles Fino**[32] ngħad ukoll:

> "Kif tajjeb għalhekk ġie ritenut mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fis-sentenza in re: **Enrico Camilleri** ***vs.*** **Martin Borg**, mogħtija fis-17 ta' Marzu, 2003 (ara wkoll sentenzi b'deċiżjonijiet simili in re: **E Zammit** ***vs.*** **Petrococchino**, Qorti tal-Appell, 25 ta' Frar, 1952; u **Paul Vassallo** ***vs.*** **C. Pace**, Appell Ċivili, 5 ta' Marzu, 1986),"Il-ġudikant fil-kamp ċivili, għandu jiddeċiedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinduċu fih dik iċ-ċertezza morali li kull tribunal għandu jfittex, u mhux fuq sempliċi possibilitajiet, imma dik iċ-ċertezza morali hija biżżejjed, bħala li hija bażata fuq il-preponderanza tal-probabiltajiet".

Applikati dawn il-prinċipji legali għall-kawża odjerna, il-Qorti tqis li jirriżulta mill-provi li l-konvenut kien qiegħed isuq b'veloċità eċċessiva, tenut kont tal-pożizzjoni tal-vettura misjuqha minnu fejn fil-fatt spiċċat wara l-ħabta.

Tqis ukoll illi mill-provi jirriżulta ampjament li l-konvenut kellu livell ta' *alcohol* eċċessiv meta seħħ l-inċident mertu ta' din il-kawża. Meta l-konvenut għamel dikjarazzjoni quddiem l-uffiċjali tal-Pulizija eżatt wara l-inċident, qalilhom li kienet il-vettura ta' Farrugia li daħlet fih, filwaqt li meta xehed quddiem din il-Qorti qal li ma jiftakarx x'ġara. Mid-dinamika tal-inċident u l-pożizzjoni kif

[32] Q.A. (Sede Superjuri) datata 24.09.2004.

spiċċaw il-vetturi wara l-inċident, l-indizji li jirriżultaw mill-provi kollha jindikaw illi kien il-konvenut li ħabat mal-vettura ta' Eman Farrugia u mhux bil-kontra, għax kieku l-konvenut ma kienx jibqa' għaddej dritt fl-istess direzzjoni li kien sejjer għal 40 metru u nofs lil hinn mill-i*spot of impact,* sakemm waqaf.

Is-sewwieq Eman Farrugia kien konsistenti u kredibbli fix-xiehda tiegħu u jirriżulta li anki l-ħsarat li ġarrbet il-vettura tiegħu elenkati fis-*survey report*[33], huma kompatibbli mal-verżjoni tiegħu u mhux tal-konvenut, stante li l-ħsarat kienu fuq in-naħa ta' quddiem iżda kkonċentrati fuq in-naħa tal-lemin tal-vettura, li jindikaw b'mod ċar li daħlet fih il-vettura tal-konvenut mill-ġenb tal-lemin. Barra minn hekk din il-Qorti tirraviża n-nuqqas ta' kredibbilità tax-xhieda tal-konvenut meta jgħid li fil-ħin tal-inċident kien ġej mingħand l-*electrician* u kien għadu kemm ġabar il-karozza tiegħu għall-ħabta tas-sitta ta' filgħaxija jew qabel, mhux l-għaxra neqsin kwart ta' billejl. Intant jirriżulta illi l-konvenut kellu fid-demm kontenut ta' *alcohol* ferm għoli u li żgur mhux livell ta' *alcohol* ta' persuna li jkun xorob biss birra wieħed, kif stqarr li għamel il-konvenut fuq domanda tal-Qorti waqt il-kontroeżami tiegħu.[34] Il-konvenut xehed illi hu ma tantx jixrob, però mill-provi rriżulta li mhux biss waqt l-inċident kellu *alcohol content* fid-demm għoli immens, iżda mis-sentenzi kriminali li ġew esebiti in atti, jirriżulta li l-konvenut kellu problema tal-*alcohol* u nstab diversi drabi ħati ta' sewqan perikoluż taħt l-effett tal-*alcohol.*

Din il-Qorti tagħmel riferiment hawnhekk għas-sentenza fl-ismijiet **Schembri *vs.* Portelli**[35]**,** fejn intqal:

---
[33] *A fol.* 113.
[34] *A fol.* 133.
[35] Q.A., 31.05.2013.

> "Għalkemm il-proċeduri kriminali huma distinti u separati minn dawk ċivili, Qorti ta' ġurisdizzjoni ċivili tista' tirreferi għal dak deċiż f'kamp kriminali għall-fini tal-apprezzament tal-provi prodotti quddiemha, u s-sentenza hija prova li l-Qorti Ċivili tista' tqis u tikkunsidra. Il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża **Briffa *vs.* Abela**, deċiża fit-28 ta' Marzu, 2003, osservat li ma hemm xejn kuntrarju għall-esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fuq l-istess fatti, iżda l-ġudizzju *in sede penale* jikkostitwixxi "waħda mill-provi, għalkemm hi prova importanti" (sottolinejar ta' din il-Qorti). Din il-Qorti, fil-kawża **Xuereb *vs.* Micallef**, deċiża fis-26 ta' Novembru 1923 kienet approvat dak li qal il-ġurista Laurent fis-sens illi "*si ritiene che il giudice civile può al bisogno attingere gli elementi della sua canonizazzione alle prove raccolte in procedimento penale*".

Anki fis-sentenza fl-ismijiet **Degabriele *vs.* Montebello**[36], b'adeżjoni ma' ġurisprudenza anterjuri, jingħad li "ma hemm xejn ħażin li ġudikant fi proċess ċivili jorbot deċiżjoni tiegħu mal-provi miġbura fi provvediment kriminali", proprju għaliex fil-ligi ma hemm xejn kuntrarju għal esebizzjoni f'kawża ċivili ta' kopja ta' sentenza mogħtija mill-qorti kriminali fuq l-istess fatti; dik il-Qorti enfasizzat però li s-sentenza kriminali hi biss waħda mill-provi li l-qorti ċivili trid tieħu in konsiderazzjoni.[37]

Hemm ukoll il-fatt li fil-mument tal-inċident, filwaqt li Eman Farrugia hu u jaqsam bid-dwal tat-*traffic lights* ħodor, meta ma kienx mistenni li jsib xi ħadd ġej mill-ġenb tal-lemin tiegħu, kien ra l-konvenut ġej fuqu, il-konvenut jgħid li ma kienx ra lil Eman Farrugia. Dan bla dubju huwa indikattiv li l-konvenut ma kellux *a proper lookout.*

---

[36] P.A., 28.01.2010.

[37] Ara wkoll f'dan is-sens, **Pace *vs.* Camilleri**, Q.A., 27.07.2007; **Caruana *vs.* Ministeru tal-Ambjent *et***, P.A., 07.07.2004 u **Bugeja *vs.* Coreschi**, Q.A. 30.04.2009.

M'hemmx dubju li l-obbligu ta' kull sewwieq huwa li jżomm *a proper lookout*. Fil-fatt fis-sentenza fl-ismijiet **Dr Louis Bianchi *noe vs.* Michelle Cassar**[38], ġie ritenut illi:

> "tnejn huma l-prinċipji ġeneralment akkolti fid-duttrina u fil-ġurisprudenza estera u lokali, in materja ta' inċidenti ta' traffiku stradali, li għandhom jirregolaw l-investimenti ta' vetturi, jiġifieri...*omissis*...b) hu anke dmir ta' sewwieq li jżomm dak li komunikament tissejjaħ "*a reasonable lookout*" liema dmir iġib miegħu li s-sewwieq jara dak li jkun raġonevolment viżibbli."

Ġie appropositu ritenut li huwa d-dover tas-sewwieq "*to see what is in plain view*"[39] u li "min ma jarax li raġonevolment għandu jara, jfisser li ma kienx qed iżomm *a proper lookout*."[40]

Illi fi **Newhaus N.D. *vs.* Bastion Insurance Co. Ltd**[41] il-Qrati Ingliżi kienu rritenew illi:

> *"Keeping a proper lookout means more than the looking straight ahead – It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist should have a view of the whole road from side to side and, in the case of a road passing through a built up area, of the pavements on the side of the road as well."*

Din il-Qorti tqis illi ġie ppruvat sal-grad rikjest mil-liġi illi l-konvenut Clint-Chris Mifsud kien unikament responsabbli għall-inċident inkwistjoni li seħħ

[38] P.A., 06.11.1988.
[39] **Il-Pulizija *vs.* Joseph Vella**, 10.08.1963.
[40] **Il-Pulizija *vs.* J.M. Laferla**, 17.06.1964.
[41] 1968, (1) SA 398 (A) f'405H-406A.

b'konsegwenza tas-sewqan perikoluż tal-konvenut li kien taħt l-effett ta' *alcohol* eċċessiv u li fit-tul tat-Triq tal-Barrani baqa' għaddej sparat u li hekk kif ma rax lill-konvenut qed jaqsam, lanqas ra t-*traffic lights* li kien qed jaqsam fuq il-kulur aħmar u ġab lill-attur f'sitwazzjoni li ma seta' jagħmel xejn biex jevita l-inċident.

Illi inoltre fil-parti tat-triq fejn seħħ l-inċident, kif muri fir-ritratt meħud mill-ajru[42], hemm tidwir fi Triq tal-Barrani li min ikun fil-*lights* fejn kien Eman Farrugia ma tantx ikun jista' jara minn ħafna qabel il-vetturi ġejjin mid-direzzjoni minn fejn kien ġej l-konvenut. Jekk il-konvenut kien ġej bi *speed* qawwi, dan kien faċilment jilħaq lis-sewwieq Eman Farrugia hekk kif qed jaqsam bil-mod biex idur għat-Triq tal-Barrani fid-direzzjoni tal-Belt. Ċertament is-sewwieq Eman Farrugia ma jista' jingħata ebda tort kontributorju għax dan kien fl-impossibbiltà li jevita illi l-konvenut jidħol fih.

Id-danni li sofra s-sewwieq Eman Farrugia u li għamlu tajjeb għalihom is-soċjetajiet attriċi, jikkonsistu fil-ħlas li s-soċjetà attriċi Laferla Insurance Agency Limited fil-kwalità tagħha ta' aġent tas-soċjetà l-oħra attriċi Mapfre Middlesea p.l.c., effettwat lill-assigurat tagħha Eman Farrugia fis-somma ta' €17,500 u ċjoè kemm kienet stmata li tiswa l-vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni EMN 411 mis-*surveyor* Anthony Vassallo. Minn din is-somma jrid jitnaqqas kemm is-soċjetjiet attriċi daħħlu jew jistgħu jdaħħlu mill-bejgħ tal-imsemmija vettura bħala *wreck,* ċjoè €2000 u l-ħlas ta' €60 li kien sar mill-assigurat Eman Farrugia bħala *policy excess*. Ma' din is-somma jridu jiżdiedu xi spejjeż mediċi li s-soċjetajiet attriċi kienu ħallsu lill-assigurat tagħhom fis-

[42] *A fol.* 15.

somma ta' €50. Illi għalhekk is-somma li effettivament ġiet sborżjata mis-soċjetà attriċi Laferla Insurance Agency Limited fil-kwalità tagħha ta' aġent tas-soċjetà l-oħra attriċi Mapfre Middlesea p.l.c., tammonta għal €15,490.

Tqis illi dan huwa valur ġust u ekwu tenut kont li l-imsemmija vettura nxtrat fl-aħħar ta' Novembru 2010 għall-prezz ta' €19,800[43], ċjoè inqas minn tliet snin qabel l-inċident. Fi kwalunkwe każ il-konvenut fir-Risposta Maħlufa tiegħu ma kkontestax il-*quantum* ta' danni, iżda kien ikkontesta biss ir-responsabbilità għall-akkadut.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet imsemmija, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża kif ġej:**

**1. Tilqa' t-talbiet tas-soċjetajiet attriċi u tiddikjara lill-konvenut Clint-Chris Mifsud unikament responsabbli għall-inċident tad-19 ta' Settembru, 2013 fi Triq tal-Barrani, Iż-Żejtun, fejn sfat danneġġjata l-vettura tal-assigurat tagħhom Eman Farrugia u dan għar-raġunijiet hawn fuq imsemmijin;**

[43] Ara *fol.* 50 – dikjarazzjoni ta' Montebello Enterprises Limited.

**2. Tillikwida d-danni sofferti mis-soċjetajiet attriċi b'konsegwenza tal-istess inċident fis-somma ta' ħmistax il-elf, erba' mija u disgħin Euro (€15,490);**

**3. Konsegwentement tikkundanna lill-konvenut għall-ħlas tad-danni kaġunati u likwidati favur is-soċjetajiet attriċi fis-somma ta' ħmistax il-elf, erba' mija u disgħin Euro (€15,490).**

**Bl-ispejjeż kollha inklużi dawk tal-ittra ġudizzjarja ppreżentata kontestwalment skont id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 104 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-imgħax li jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza kontra l-konvenut.**

Moqrija.